KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
MAZÁK
ippreżentati fit-3 ta' Diċembru 2009 [1]

I — Introduzzjoni

1. Bl-appell preżenti, R. Schräder qed jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tannulla s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Komunitajiet Ewropej (Is-Seba Awla) tad-19 ta' Novembru 2008, Schräder vs CPVO [2] (SUMCOL 01), li permezz tagħha din il-Qorti ċaħdet ir-rikors ta' R. Schräder kontra d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Komunità tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO), tat-2 ta' Mejju 2006, li tiċħad l-applikazzjoni tiegħu għall-għoti ta' drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità, taħt ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 tas-27 ta' Lulju 1994 dwar drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità [3] fir-rigward ta' varjetà ta' pjanta SUMCOL 01 (iktar 'il quddiem il-"varjetà li saret applikazzjoni għaliha").

2. L-appell iqajjem essenzjalment il-kwistjoni dwar jekk il-Qorti tal-Prim'Istanza kinitx korretta meta kkonfermat id-deċiżjoni kkontestata, li skont din il-varjetà li saret applikazzjoni għaliha ma kinitx distingwibbli b'mod ċar mill-varjetà ta' referenza li kellha tiġi kkunsidrata bħala ġeneralment magħrufa.

II — Il-kuntest legali

3. Skont l-Artikolu 6 tar-Regolament Nru 2100/94, drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità għandhom jingħataw għal varjetajiet li huma distinti, uniformi, stabbli u ġodda.

4. Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 2100/94:

"1. Varjetà tkun meqjusa li tkun distinta jekk tkun distingwibbli b'mod ċar b'referenza għall-espressjoni tal-karatteristiċi li jirriżultaw minn ġenotip partikolari jew taħlita ta' ġenotipi, minn kull varjetajiet oħra

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.
2 — T-187/06, Ġabra p. II-3151, iktar 'il quddiem is-"sentenza appellata".
3 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 16, p. 390.

li l-eżistenza tagħha jkun fatt li jafu kulħadd fid-data ta' l-applikazzjoni stabbilita bis-saħħa ta' l-Artikolu 51.

2. L-eżistenza ta' varjetajiet oħrajn għandhom b'mod partikolari jkunu meqjusa li jkunu fatt li jafu kulħadd jekk fid-data tal-applikazzjoni stabbilita bis-saħħa tal-Artikolu 51:

(a) kienet l-għan [is-suġġett] ta' dritt tal-varjetajiet ta' pjanti jew imdaħħla f'reġistru uffiċjali ta' varjetajiet ta' pjanti, fil-Komunità jew xi Stat, jew f'xi organizzazzjoni intergovernattiva bil-kompetenza relevanti;

(b) applikazzjoni għall-għoti ta' dritt ta' varjetajiet ta' pjanti jew dwar id-dħul tagħhom f'dak ir-reġistru uffiċjali kienet magħmula, sakemm dik l-applikazzjoni tkun wasslet għall-għoti jew id-dħul sadanittantant.

Ir-Regoli tal-implimentazzjoni bis-saħħa tal-Artikolu 114 jistgħu jispeċifikaw aktar każi bħala eżempju li għandhom ikunu meqjusa bħala fatt li jafu kulħadd."

5. Skont l-Artikolu 67 tar-Regolament Nru 2100/94, deċiżjonijiet tas-CPVO li jkunu ttieħdu skont, *inter alia*, l-Artikoli 61 u 62 huma suġġetti għal appell.

6. Skont l-Artikolu 70 tar-Regolament Nru 2100/94:

"1. Jekk il-korp [tas-CPVO] li ħejja d-deċiżjoni jikkonsidra li l-appell ikun validu u għandu bażi, [is-CPVO] għandu jibdel id-deċiżjoni. Dan m'għandux japplika meta l-appellant ikun oppost minn parti oħra fil-proċeduri ta' l-appell.

2. Jekk id-deċiżjoni ma tkun[x] ratifikata fi żmien xahar wara l-wasla ta' l-istqarrija tal-bażi, għall-appell, [is-CPVO] għandu minnufih:

— jiddeċiedi jekk jieħux azzjoni skond l-Artikolu 67(2), it-tieni sentenza, u

— jibgħat l-appell lill-Bord tal-Appell."

7. L-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 2100/94 jistipula fir-rigward tal-motivazzjoni tad-deċiżjonijiet u d-dritt tas-smigħ:

"Id-deċiżjonijiet ta[s-CVPO] għandhom ikollhom magħhom dikjarazzjoni tal-bażi li fuqhom ikunu bbażati. Għandhom ikunu bbażati biss fuq bażi jew xiehda li tagħhom il-partijiet fil-proċeduri kellhom l-opportunità li jippreżentaw il-kummenti tagħhom orali jew bil-miktub."

8. Skont l-Artikolu 76 tar-Regolament Nru 2100/94:

"Fi proċeduri quddiemu [s-CPVO] għandu jagħmel investigazzjonijiet fuq il-fatti minn jeddu, sal-limitu li dawn jaqgħu taħt l-eżami skont l-Artikoli 54 u 55. Għandu jiskarta fatti [li ma ġewx invokati] jew bċejjeċ ta' xhieda [provi], li ma jkunux intbagħtu fil-limitu ta' żmien stabbilit mill-[CPVO]."

9. L-Artikoli 60, 61, 62 u 63 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1239/95 tal-31 ta' Mejju 1995 li jistabbilixxi r-regoli għall-implementazzjoni sabiex jiġi applikat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 rigward il-proċedimenti quddiem l-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti [4] jistabbilixxi regoli dwar il-ġbir ta' provi mis-CPVO, il-ħatra ta' esperti, l-ispejjeż għatteħid ta' xhieda kif ukoll dwar il-proċess verbali tal-proċeduri orali u l-ġbir ta' provi rispettivament.

III — Il-kuntest fattwali

10. Is-sentenza appellata tesponi l-fatti li taw lok għall-kontroversja preżenti:

10 Fis-7 ta' Ġunju 2001, ir-rikorrent, Ralf Schräder, ippreżenta applikazzjoni għal dritt Komunitarju ta' varjetajiet ta' pjanti quddiem is-CPVO, abbażi tar-Regolament Nru 2100/94. Din l-applikazzjoni ġiet irreġistrata bin-numru 2001/0905.

11. Il-varjetà ta' pjanti li għaliha saret l-applikazzjoni għal dritt hija l-varjetà

4 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 17, p. 327.

ta' pjanti SUMCOL 01 (iktar 'il quddiem il-"varjetà SUMCOL 01" jew il-"varjetà li saret applikazzjoni għaliha"), inizjalment ippreżentata bħala appartenenti għall-ispeċi Coleus canina, Katzenschreck . Wara, il-partijiet ftiehmu li din il-varjetà kienet iktar tappartjeni għall-ispeċi Plectranthus ornatus.

12. Fl-applikazzjoni tiegħu, ir-rikorrent indika li l-varjetà li saret applikazzjoni għaliha kienet diġà ġiet ikkummerċjalizzata fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, inizjalment f'Jannar tal-2001 taħt l-isem "Verpiss dich" ("mur tmellaħ"), iżda mhux lil hinn minn dan it-territorju. Din hija provenjenti mit-taħlita ta' pjanta tal-ispeċi Plectranthus ornatus ma' pjanta tal-ispeċi Plectranthus ssp. (pjanta bil-Ġermaniż imsejħa "Buntnessel" tal-Amerika ta' Isfel).

13. Fl-1 ta' Lulju 2001, is-CPVO inkariga lill-Bundessortenamt (Uffiċċju Federali ta' Varjetajiet ta' Pjanti, il-Ġermanja) sabiex jagħmel eżami tekniku, b'mod konformi mal-Artikolu 55(1) tar-Regolament Nru 2100/94.

14. Kemm mill-inkartament kif ukoll mill-espożizzjoni tal-fatti li tinsab fid-deċiżjoni kkontestata, kif ukoll mill-allegazzjonijiet ta' fatt li jinsabu fir-rikors u li mhumiex ikkontestati mis-CPVO, jirriżulta li, matul l-ewwel sena tal-proċedura ta' eżami, xi kompetituri tar-rikorrent għamlu oppożizzjoni kontra l-għoti tad-dritt mitlub. Dawn il-kompetituri sostnew li l-varjetà li saret applikazzjoni għaliha ma kinitx varjetà ta' pjanti ġdida, iżda varjetà salvaġġa provenjenti mill-Afrika ta' Isfel u kkummerċjalizzata għal diversi snin f'dan il-pajjiż kif ukoll fil-Ġermanja.

15. Qabel kollox, il-varjetà li saret applikazzjoni għaliha ġiet ipparagunata ma' varjetà ta' referenza pprovduta mill-impriża Unger, kompetitriċi tar-rikorrent, u kklassifikata minn din bħala appartenenti għall-ispeċi Plectranthus comosus , "simili għal ornatus" . Effettivament irriżulta li dawn iż-żewġ varjetajiet mhumiex distinti ħafna. Madankollu, Unger ma setgħet tressaq l-ebda prova li turi li l-varjetà ta' referenza kienet diġà magħrufa. Għaldaqstant, fir-rapport intermedjarju tiegħu mfassal b'mod konformi mar-regoli tal-UPOV (Unjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Varjetajiet Ġodda ta' Pjanti) tat-28 ta' Novembru 2002, il-Bundessortenamt osserva s-segwenti:

"[…] din is-sena, SUMCOL 01 ma kinitx tiddistingwi ruħha mill-pjanti msejħa Plectranthus ornatus tal-kumpannija Unger. Madankollu, Unger

ma seta' jipprovdi l-ebda prova tal-kummerċjalizzazzjoni tal-pjanti mibdija wara l-1998. Ser ikun hemm il-bżonn li ssir evalwazzjoni ġdida fl-2003."

16. Fl-20 ta' Marzu 2002, Dr. Menne, f'isem Heine, eżaminatriċi tal-Bundessortenamt inkarigata bl-eżami tekniku, ikkuntattja lil E. van Jaarsveld, kollaboratur tal-ġnien botaniku ta' Kirstenbosch (l-Afrika ta' Isfel), u talbu sabiex jipprovdilu tirqida jew żerriegħa tal-ispeċi Plectranthus comosus jew Plectranthus ornatus , li ried juża bħala varjetajiet ta' referenza. Staqsieh ukoll jekk xi varjetajiet ta' dawn l-ispeċi kinux disponibbli fis-suq fl-Afrika ta' Isfel.

17. Fir-risposta tiegħu tal-25 ta' Marzu 2002, E. van Jaarsveld indika:

"L-ispeċi Plectranthus comosus u P. ornatus jiġu mkabbra komunement fil-pajjiż tagħna. L-ewwel speċi issa hija kkunsidrata bħala ħaxixa ħażina u ma għadhiex tista' tinbiegħ fin-nurseries. Koltivazzjonijiet f'ħafna kuluri huma disponibbli u sikwiet ikkultivati, u naħseb li għadu legali li jitkabbru. L-ispeċi P. ornatus għadha tintuża u tinbiegħ ħafna min-nurseries. Bħalissa ninsabu fil-ħarifa u ser infittex żerriegħa ta' dawn iż-żewġ speċi. Peress li dawn mhumiex speċi indiġeni tar-reġjun tagħna, aħna ma nikkultivawhomx hawnhekk f"Kirstenbosch, u b'hekk ikolli nakkwista żerriegħa minn pjanti provenjenti minn ġonna privati.

18. F'ittra tal-15 ta' Mejju 2002, Miller, tar-Royal Horticultural Society Garden ta' Wisley (Ir-Renju Unit), esponiet is-segwenti lis-Sinju[r]a Heine:

"Sfortunatament ma għandniex żerriegħa tal-Plectranthus. Nissuġġerixxi li tikkuntattja jew lill-Botanical Society of South Africa f'Kirstenbosch […] jew lil Silverhill Seeds […], Cape Town, l-Afrika ta' Isfel.

Dwar il- C. canina , huwa prattikament ċert li din hija l-ispeċi Plectrantus ornatus , żbaljatament magħrufa bħala P. comosus fil-passat. Ġibt miegħi xi pjanti għal trapjanti ta' ' C. canina' u dawn huma ftit jew wisq identiċi għal dawk tal-ispeċi

P. ornatus li ilni nikkoltiva għal xi snin u għal pjanta li rċevejt fil-bidu tas-sena li għaddiet minn nursery fil-Gran Brittanja għall-identifikazzjoni tagħha."

19. F'ittra tas-16 ta' Ottubru 2002, E. van Jaarsveld ħa din il-pożizzjoni fir-rigward ta' ritratt tal-varjetà li saret applikazzjoni għaliha li ntbagħat lilu minn Heine:

"Il-pjanta tiegħek inkwistjoni hija mingħajr dubju P. ornatus Codd . Jien nafha sew din l-ispeċi. P. comosus hija arbuxxell kbir b'weraq miksi b'xagħar fin differenti ħafna."

20. Fit-12 ta' Diċembru 2002, il-Bundessortenamt irċieva tirqid mibgħut minn E. van Jaarsveld li ġew ippreżentati bħal li kieku ġew prelevati mill-ġnien privat tiegħu. Peress li xi whud minn dan it-tirqid mietu matul it-trasport, probabbilment minħabba l-kesħa, il-Bundessortenamt nissel is-sopravvissuti sabiex ikollu tirqid supplementari. Il-pjanti hekk miksuba ġew imkabbra flimkien mal-pjanti tal-varjetà li saret applikazzjoni għaliha SUMCOL 01 matul is-sena ta' evalwazzjoni 2003. Wara dan l-eżami, deher li d-distinzjoni bejn il-varjetà li saret applikazzjoni għaliha u l-pjanti miksuba mit-tirqid mibgħut minn E. van Jaarsveld kienet minima. Skont l-ittra ta' Heine tad-19 ta' Awwissu 2003, id-differenzi kienu ċertament "sinjifikanti", iżda bil-kemm viżibbli.

21. B'ittra tas-7 ta' Awwissu 2003, is-CPVO informa lir-rikorrent li, skont il-Bundessortenamt, "[kienu] jeżistu nuqqasijiet fid-distintività tal-pjanti meta mqabbla mal-pjanti eżaminati fil-ġnien botaniku ta' Kirstenbosch". Huwa paċifiku bejn il-partijiet li dawn il-pjanti kienu fil-fatt provenjenti mill-ġnien privat ta' E. van Jaarsveld. Din l-ittra kienet issemmi wkoll il-fatt li, skont Heine, ir-rikorrent ma kienx kapaċi jidentifika l-varjetà tiegħu SUMCOL 01 waqt l-ispezzjoni tiegħu tal-ġnien ta' sperimentazzjoni tal-Bundessortenamt.

22. F'Settembru 2003, ir-rikorrent espona l-osservazzjonijiet tiegħu b'risposta għar-riżultati tal-eżami tekniku. Fuq il-bażi, min-naħa waħda, tar-riżultati tal-vjaġġ investigattiv tiegħu fl-Afrika ta' Isfel, li sar bejn id-29 ta' Awwissu u l-1 ta' Settembru 2003, u, min-naħa l-oħra, fuq ir-riżultati taż-żjara tiegħu fil-ġnien botaniku ta' Meise (il-Belġju),

fil-15 ta' Settembru 2003, huwa ddikjara ruħu konvint li l-pjanti provenjenti mill-ġnien ta' E. van Jaarsveld, użati għall-finijiet tal-paragun, mhumiex appartenenti għall-varjetà ta' referenza, iżda għall-varjetà SUMCOL 01 stess. Barra minn hekk, huwa esprima d-dubji tiegħu fir-rigward tal-popolarità tal-varjetà ta' referenza.

23. Ir-rapport finali tal-Bundessortenamt tad-9 ta' Diċembru 2003, stabbilit skont ir-regoli tal-UPOV, ġie kkomunikat għall-osservazzjonijiet lir-rikorrent flimkien ma' ittra tas-CPVO tal-15 ta' Diċembru 2003. Dan ir-rapport jikkonkludi li l-varjetà li saret applikazzjoni għaliha SUMCOL 01 hija nieqsa minn karattru distintiv meta mqabbla mal-varjetà ta' referenza Plectranthus ornatus tal-Afrika ta' Isfel (van Jaarsveld).

24. Ir-rikorrent espona l-aħħar osservazzjonijiet tiegħu fuq dan ir-rapport fit-3 ta' Frar 2004.

25. Permezz tad-Deċiżjoni R 446 tad-19 ta' April 2004 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni ta' rifjut"), is-CPVO ċaħad l-applikazzjoni għal dritt Komunitarju minħabba n-nuqqas ta' karattru distintiv tal-varjetà SUMCOL 01, skont l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 2100/94.

26. B'mod iktar partikolari, fir-rigward tal-kundizzjoni relatata mal-popolarità tal-varjetà ta' referenza, is-CPVO esprima ruħu b'dan il-mod fid-deċiżjoni ta' rifjut:

"Matul l-eżami tekniku, il-varjetà 'SUMCOL 01' ma kinitx tiddistingwi ruħha nettament, b'referenza għall-espressjoni tal-karatteristiċi osservati, mill-materjal ta' referenza tal-Plectranthus ornatus tal-Afrika ta' Isfel, li, fil-mument meta saret l-applikazzjoni (7 ta' Ġunju 2001), kienet magħrufa sew.

[…]

E. van Jaarsveld iddikjara li l-ġnien botaniku ta' Kirstenbosch kien jikkonċentra fuq l-ispeċi indiġeni. P. ornatus ma kinitx pjanta indiġena tal-Afrika ta' Isfel, u dan jispjega għalfejn din l-ispeċi ma hijiex ikkultivata fil-ġnien botaniku. Madankollu, il-varjetà [ta'

referenza] tinsab fis-suq u hija mibjugħa fin-nurseries tal-Afrika ta' Isfel, b'tali mod li tista' tinstab fil-ġonna privati, bħal dak ta' E. van Jaarsveld. Peress li din il-varjetà hija disponibbli fis-suq u tista' tinstab fil-ġonna privati, din għandha titqies bħala magħrufa sew.

Is-[CPVO] ma għandu l-ebda raġuni għalfejn jiddubita mill-oriġini tal-materjal tal-pjanti indikat minn E. van Jaarsveld."

27. Fil-11 ta' Ġunju 2004, ir-rikorrent ressaq appell kontra d-deċiżjoni ta' rifjut quddiem il-Bord tal-Appell tas-CPVO. Fl-istess okkażjoni, huwa talab sabiex ikun jista' jikkonsulta l-atti tal-proċedura. Din it-talba ġiet milqugħa fil-25 ta' Awwissu 2004, jiġifieri ħamest ijiem qabel l-iskadenza tat-terminu ta' erba' xhur sabiex tiġi ppreżentata nota li tesponi l-motivi tal-appell, skont l-Artikolu 69 tar-Regolament Nru 2100/94. Madankollu, ir-rikorrent ippreżenta tali nota fit-30 ta' Awwissu 2004.

28. Id-deċiżjoni ta' rifjut ma kinitx suġġetta għal reviżjoni interlokutorja skont l-Artikolu 70 tar-Regolament Nru 2100/94 fit-terminu ta' xahar, wara l-wasla tan-nota tal-appell, prevista minn din id-dispożizzjoni. Madankollu, b'ittra tat-30 ta' Settembru 2004, is-CPVO għarraf lir-rikorrent bid-deċiżjoni tiegħu tal-istess jum li "jiddiferixxi d-deċiżjoni tiegħu" fuq dan il-punt b'ġimagħtejn minħabba li kien jikkunsidra li jkun utli li jsiru investigazzjonijiet ġodda.

29. Fit-8 ta' Ottubru 2004, E. van Jaarsveld ippreżenta l-preċiżjonijiet li ġejjin lis-CPVO:

"Plectranthus ornatus ġiet deskritta minn Dr L. E. Codd fil-pubblikazzjoni 'Plectranthus and allied genera in southern Africa' [Bothalia 11, 4: page 393-394 (1975)]. Fl-evalwazzjoni tiegħu, Dr Codd stabbilixxa li 'din tikber fuq blat f'postijiet parzjalment fid-dell, f'għoli ta' bejn l-1 000 u l-1 500 metru, mill-Etiopja sat-Tanżania. Hija kkultivata u seminaturalizzata fl-Afrika ta' Isfel'. Għaldaqstant, nista' nsostni u nikkonferma ma' Dr Codd li din il-pjanta ilha tinsab fil-kummerċ lokali tan-nurseries tagħna għal iktar minn 30 sena. Fl-1975, din diġà kienet użata u kkummerċjalizzata b'mod estiż, iżda bl-isem ta' P. neochilus . Illum, il- Plectranthus ornatus tista' tinsab kullimkien fil-ġonna tal-Afrika ta' Isfel u hija mifruxa fil-kummerċ tal-ortikoltura."

30. Fit-13 ta' Ottubru 2004, is-CPVO għamel domandi ġodda lil E. van Jaarsveld fir-rigward tal-post u d-data tal-prelevament tat-tirqid, tal-provi tax-xiri tagħhom, tas-sorsi alternattivi ta' akkwist u tal-oriġini possibbli tal-materjal tal-pjanti Ewropew, kif ukoll tar-riferiment għax-xogħol ta' Dr Codd.

31. Fil-15 ta' Ottubru 2004, E. van Jaarsveld irrisponda b'dan il-mod:

"Il-pjanti inkwistjoni ma ġewx mixtrija — dan huwa klon ordinarju li n-nies ikabbru kullimkien f'Cape Town u fir-Repubblika tal-Afrika ta' Isfel (RSA). Il-pjanti li bgħatt kienu provenjenti mill-ġnien privat tiegħi (jien residenti u naħdem fil-ġnien botaniku ta' Kirstenbosch), jien irċevejt tirqida xi snin ilu mill-ġnien ta' ħabib tiegħi fi Plumstead li kien mifrux mill-kummerċ tal-ortikultura. Aħna wkoll għandna d-drawwa li nkabbruha fil-ġnien botaniku tagħna taħt l-isem P. neochilus, madankollu, minn meta skoprejna li din hija speċi barranija, qridnija mill-ġnien botaniku ta' Kirstenbosch għalhiex aħna nikkoltivaw biss pjanti tar-RSA. Dan il-klon huwa disponibbli mingħand in-nurseries tar-RSA u ilu fil-kummerċ tal-ortikoltura tagħna mis-snin 70. Jien ilni snin naħdem fuq il- Plectr u jien ferm familjari ma' dan il-klon; ma huwiex prodott minn żerriegħa iżda kollu mill-istess oriġini ġenetika, b'hekk klon uniku.

Ser nibgħatilkom kopja tal-paġni rilevanti ta' Dr Codd."

32. Is-CPVO kkuntattja wkoll lill-Ministru tal-Agrikolura tal-Afrika ta' Isfel, b'riferiment għall-opinjoni ta' E. van Jaarsveld u talab iktar informazzjoni dwar id-disponibbiltà tal-ispeċi Plectranthus ornatus .

33. Fir-risposta tagħha tat-2 ta' Novembru 2004, J. Sadie, mill-Ministeru msemmi, qalet dan li ġej:

"Ikkuntattjat espert ieħor fil-qasam tal-Plectranthus , Dr Gert Brits, li huwa wkoll nissiel.

Qabel kollox, Plectranthus hija waħda mit-tipi li ilha għal ħafna snin taħt il-kompetenza ta' E. van Jaarsveld; u għal din ir-raġuni huwa verament espert f'dak li jirrigwarda dan it-tip u tistgħu toqgħodu fuq l-informazzjoni li jagħtikom.

Il-pubblikazzjoni ta' L. E. Codd fl-1975, ' Plectranthus (Labiataea) and allied genera in southern Africa', Bothalia 11(4): 371-442 issemmi lill-P. ornatus bħala pjanta kkultivata u seminaturalizzata fl-Afrika ta' Isfel. Dan huwa kkonfermat minn Andrew Hankey fl-artiklu tiegħu ppubblikat fl-edizzjoni Nru 21 ta' Plantlife, ta' Settembru 1999, 'The genus Plectranthus in South Africa: diagnostic characters and simple fields keys', p. 8-15.

Fit-tieni lok, Plectranthus ornatus hija speċi li toriġina mill-Afrika Tropikali (Tanżanija u Kenja). Din l-ispeċi hija viċina ħafna tal-ispeċi tal-Afrika ta' Isfel, P. neochilus, fejn id-differenzi jinsabu fil-fjoritura itwal ta' din tal-aħħar u l-ponta ttundjata tal-werqa tal- P. ornatus . Jidher li l-ġenniena jħawdu bejn dawn iż-żewġ speċi. Peress li l-maġġoranza tal-ġenniena mhumiex botaniċi kkwalifikati, huma jiddependu fuq persuni oħra għall-identifikazzjoni tal-pjanti u ftit minnhom jagħrfu d-distinzjoni sottili li hemm bejn speċi bħal dawn it-tnejn.

Huwa fatt li din l-ispeċi toriġina mill-Afrika u li, jekk xi pjanti, anki li joriġinaw minn ġonna privati, ma jistgħux jiġu distinti minn varjetà li għaliha ssir applikazzjoni għal dritt tal-varjetà, dan ifisser li l-'varjetà' ma hijiex unika.

Fil-Pretoria Herbarium hemm kampjuni mnixxfa ta' P. ornatus , ipprelevati minn ġnien fl-1960. Il-konferma tal-kampjuni mnixxfa, prelevati minn fost pjanti naturalizzati u pjanti tal-ġnien fl-Afrika ta' Isfel, fil-pubblikazzjoni riċenti ta' Dr H. F. Glen, 'Cultivated Plants of southern Africa — names, common names, literature', 2002, p. 326.

[…]Nistgħu niddeterminaw sorsi ta' produzzjoni tal- P. ornatus , iżda dan jieħu ż-żmien. Madankollu, nista' nirriferikom għall-ġenniena ta' Rodene Wholesale Nursery f'Port Elizabeth li opponew ruħhom għar-reġistrazzjoni ta' varjetà ta' P. neochilus fl-Istati Uniti, għalhiex, mir-ritratti, ma jistgħux jiddistingwuha mill-P. neochilus standard li ilhom jikkoltivaw għal madwar 15-il sena."

34. Fl-10 ta' Novembru 2004, is-CPVO ddeċieda li ma jbiddilx id-deċiżjoni ta' rifjut abbażi tal-proċedura ta' reviżjoni interlokutorja stabbilita mill-Artikolu 70 tar-Regolament Nru 2100/94, u rrefera l-appell lill-Bord tal-Appell. Is-CPVO osserva li l-kwistjoni kruċjali kienet dik ta' jekk il-materjal tal-pjanti tal-varjetà ta' referenza mibgħuta lill-Bundessortenamt minn E. van Jaarsveld kienx, kif isostni r-rikorrent, materjal tal-varjetà SUMCOL 01 esportat mill-Ġermanja lejn l-Afrika ta' Isfel. Is-CPVO rrisponda għal din id-domanda fin-negattiv billi bbaża ruħu fuq l-eżami tekniku tal-Bundessortenamt, li kien wera l-eżistenza ta' differenzi bejn il-varjetà li saret applikazzjoni għaliha u l-varjetà ta' referenza f'dak li jirrigwarda l-għoli tal-pjanta, il-kobor tal-weraq u t-tul tat-tubu tal-korolla.

35. Fir-risposta bil-miktub tiegħu tat-8 ta' Settembru 2005 għal domanda magħmula mill-Bord tal-Appell, is-CPVO rrikonoxxa li l-bdil fil-klima u fil-post seta' jwassal lill-pjanta sabiex tirreaġixxi u li għaldaqstant, hekk kif kien spjega l-Bundessortenamt, ma setax jiġi kompletament eskluż li varjetajiet li kellhom differenzi daqstant minimi bħall-varjetà li saret applikazzjoni għaliha u l-varjetà ta' referenza kienu jidħlu taħt l-istess varjetà.

36. Il-partijiet instemgħu mill-Bord tal-Appell waqt is-seduta tat-30 ta' Settembru 2005. Mill-verbal ta' din is-seduta jirriżulta li Heine assistiet fiha bħala rappreżentanti tas-CPVO. Fost l-oħrajn hija ddikjarat li, mis-sitt tirqidiet mibgħuta minn E. van Jaarsveld, erba' biss kienu rnexxielhom jgħixu matul it-trasport. Sabiex tiġi eskluża l-possibbiltà li d-differenzi bejn il-varjetà li saret applikazzjoni għaliha u l-varjetà ta' referenza jkunu dovuti għal fatturi ambjentali, kien sar tirqid ġdid u ntuża bħala varjetà ta' referenza. Peress li dawn kienu tat-tieni ġenerazzjoni, id-differenzi kkonstatati kellhom, fl-opinjoni tagħha, jiġu attribwiti għal fatturi ġenotipiċi.

37. Mill-verbal tas-seduta jirriżulta wkoll li, wara s-seduta, il-Bord tal-Appell ma kienx konvint ħafna mill-popolarità tal-varjetà ta' referenza. Mingħajr ma jqiegħed indiskussjoni l-kredibbiltà u l-esperjenza teknika ta' E. van Jaarsveld, il-Bord tal-Appell qies li wħud mid-dikjarazzjonijiet f'dan ir-rigward ta' E. van Jaarsveld ma kinux ipprovati biżżejjed, b'tali mod li kien jidhirlu neċessarju li ssir żjara fuq il-post fl-Afrika ta' Isfel minn wieħed mill-membri tagħha bħala miżuri ta' investigazzjoni previsti mill-Artikolu 78 tar-Regolament Nru 2100/94.

38. [...]

39. Fis-27 ta' Diċembru 2005, il-Bord tal-Appell adotta l-miżura istruttorja inkwistjoni permezz ta' digriet. Huwa ssuġġetta l-eżekuzzjoni ta' din il-miżura għall-kundizzjoni li r-rikorrent iħallas depożitu ta' EUR 6 000 abbażi tal-Artikolu 62 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1239/95 […]

40. F'nota tas-6 ta' Jannar 2006, ir-rikorrent osserva li ma kienx obbligat li jressaq provi u li ma kienx hu li talab il-miżura istruttorja ordnata. Huwa enfasizza li huwa s-CPVO li kellu jiddetermina l-karattru distintiv skont l-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 2100/94. Għaldaqstant, fl-opinjoni tiegħu, "vjaġġ ta' rikonoxximent" fl-Afrika ta' Isfel kien biss possibbli skont l-Artikolu 76 tar-Regolament Nru 2100/94. B'hekk, huwa ma kellux iħallas l-ispejjeż.

41. B'deċiżjoni tat-2 ta' Mejju 2006 (Każ A 003/2004, iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni kkontestata"), il-Bord tal-Appell ċaħad l-appell kontra d-deċiżjoni ta' rifjut. Essenzjalment, dan qies li l-varjetà SUMCOL 01 ma setgħetx tiġi distinta b'mod ċar minn varjetà ta' referenza magħrufa sew fil-mument tal-preżentata tal-applikazzjoni.

42. F'dak li jirrigwarda n-nuqqas ta' eżekuzzjoni tal-miżura istruttorja adottata permezz ta' digriet, fil-paġna 20 tad-deċiżjoni msemmija l-Bord tal-Appell qal is-segwenti:

> "Il-Bord ma implementax id-digriet dwar il-miżura istruttorja relatata mal-identità u l-popolarità tal-varjetà ta' referenza provenjenti mill-ġnien ta' E. van Jaarsveld għaliex, wara li kellu dubji fuq il-punti msemmija iktar 'il fuq, fl-aħħar ġie konvint li l-varjetà użata għall-paragun kienet il-varjetà ta' referenza u mhux is-SUMCOL 01 u li l-varjetà ta' referenza kienet magħrufa sew fid-data tal-preżentata tal-applikazzoni.
>
> Minħabba fhekk, il-fatt li r-rikorrent ma ħallasx id-depożitu fuq l-ispejjeż, marbuta mal-miżura istruttorja, ma huwiex fattur kawżali fid-deċiżjoni li ma tiġix implementata l-miżura istruttorja."

IV — Il-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u s-sentenza appellata

11. B'rikors ippreżentat fit-18 ta' Lulju 2006, R. Schräder ippreżenta rikors

għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata quddiem il-Qorti tal-Prim"Istanza. Ir-rikors kien, essenzjalment, ibbażat fuq tmien motivi, dwar allegat ksur tar-Regolament Nru 2100/94 — b'mod iktar partikolari, tal-Artikolu 62 flimkien mal-Artikolu 7(1) u (2), l-Artikolu 67(2), l-Artikolu 70(2), l-Artikolu 75 u l-"projbizzjoni ġenerali, fi Stat tad-dritt, li jittieħdu deċiżjonijiet għall-għarrieda, l-Artikolu 76 u l-Artikolu 88 — kif ukoll ksur tal-Artikoli 60(1) u 62(1) tar-Regolament Nru 1239/95.

— tilqa' t-talba tar-rikorrent għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tas-CPVO tat-2 ta' Mejju 2006 (A003/2004) li saret fl-ewwel istanza.

Fir-rigward tat-tieni punt, sussidjarjament:

12. Bis-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza, wara li ċaħdet kull waħda minn dawn il-motivi bħala infondati, ineffettivi jew irrelevanti, caħdet ir-rikors bħala infondat u ordnat lil R. Schräder iħallas l-ispejjeż.

— tirrinvija l-kawża lura lill-Qorti tal-Prim'Istanza sabiex tingħata deċiżjoni mill-ġdid għal sentenza ġdida;

— tikkundanna lis-CPVO għall-ispejjeż kollha, jiġifieri dawk tal-proċeduri f'din l-istanza, dawk tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u dawk tal-proċeduri quddiem il-Bord tal-Appell.

V — Talbiet quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

13. R. Schräder jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

14. Is-CPVO jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tannulla s-sentenza kkontestata;

— tiċħad l-appell;

— tordna lil R. Schräder iħallas l-ispejjeż tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza u quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

VI — L-appell

A — *Osservazzjonijiet preliminari*

15. Insostenn tal-appell tiegħu, R. Schräder iressaq żewġ aggravji, li kull wieħed minnhom jinqasam f'diversi partijiet distinti.

16. Bl-ewwel aggravju, li huwa kompost minn sitt partijiet, R. Schräder isostni, essenzjalment, li l-Qorti tal-Prim'Istanza, fl-istħarriġ tagħha tad-deċiżjoni kkontestata, wettqet numru ta' żbalji proċedurali peress li din imponiet rekwiżiti eċċessivi fir-rigward tas-sottomissjonijiet tiegħu, waslet għal konklużjonijiet kontradittorji, kisret id-dritt tas-smigħ, għamlet konstatazzjonijiet ta' fatt manifestament żbaljati u għawġet il-fatti u l-provi.

17. It-tieni aggravju huwa kompost minn ħames partijiet u huwa bbażat fuq ksur ieħor tad-dritt Komunitarju, kontradizzjonijiet manifesti u żbalji proċedurali, b'mod partikolari sa fejn il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonfermat li deskrizzjoni dettaljata ta' varjetà ta' pjanta f'pubblikazzjonijiet universitarji tista' tiġi kkunsidrata sabiex jiġi stabbilit jekk varjetà li saret applikazzjoni għaliha hijiex ġeneralment magħrufa.

18. Fir-rigward tas-CPVO, huwa jqis li l-aggravji li fuqhom hu bbażat l-appell preżenti għandhom jiġu ddikjarati inammissibbli, peress li dawn huma diretti għal kollox kontra l-evalwazzjoni ta' fatti u ta' provi mwettqa mill-Qorti tal-Prim'Istanza. Fi kwalunkwe każ, is-CPVO tikkontesta kull wieħed mill-argumenti mressqa minn R. Schräder u tissottometti li l-aggravji tiegħu għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

19. F'dan il-kuntest, peress li l-appell preżenti jqajjem punti dwar ammissibbiltà u, peress li ż-żewġ partijiet fil-proċeduri preżenti kkummentaw dwar il-portata ta' stħarriġ ġudizzjarju eżerċitat fil-kawżi li jirrigwardaw l-għoti ta' dritt fil-varjetà ta' pjanti tal-Komunità taħt ir-Regolament Nru 2100/94, jidher li hu xieraq li jsiru xi rimarki ġenerali dwar ir-rwol tal-Qrati tal-Komunità f'dawn il-kawżi u l-limiti tal-ġurisdizzjoni rispettiva tagħhom.

20. Qabel kollox, għandu jiġi osservat li deċiżjonijiet li ttieħdu mis-CPVO dwar l-għoti jew ir-rifjut ta' drittijiet fil-varjetà tal-pjanti tal-Komunità huma potenzjalment suġġetti — apparti mill-possibbiltà ta' reviżjoni interlokutorja mill-korp tas-CPVO li pprepara d-deċiżjoni kkonċernata nnifisha — għal sistema ta' stħarriġ bi tliet livelli, fejn l-ewwel hemm appell "intern" għall-Bord tal-Appell. Wara din il-proċedura ta' stħarriġ amministrattiv hemm, kif jirriżulta mill-Artikolu 73(1) u (2) tar-Regolament Nru 2100/94, il-possibbiltà ta' stħarriġ ġudizzjarju mill-Qorti tal-Prim'Istanza, u taħt l-Artikolu 225 KE, mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell.

21. F'dan ir-rigward, huwa importanti li jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt, f'kull wieħed minn dawn il-livelli, li s-suġġett ta' stħarriġ hu differenti. Sa fejn hu kkonċernat il-Bord tal-Appell, jirriżulta mill-Artikoli 71 u 72 tar-Regolament Nru 2100/94, li dan jista' jeżamina l-każ mill-ġdid u, meta jagħmel hekk, jista' hu nnifsu jeżerċita kwalunkwe poter li jaqa' fil-kompetenza tas-CPVO. Għalhekk dan hu intitolat li jwettaq eżami mill-ġdid u sħiħ dwar il-merti tal-appell, kemm tad-dritt kif ukoll tal-fatti [5].

22. Il-Qorti tal-Prim'Istanza tissejjaħ biex tistħarreġ dwar il-legalità tad-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell li fir-rigward tagħha tressqet azzjoni. Din teżamina, għalhekk, jekk meta din id-deċiżjoni ngħatat mill-Bord tal-Appell [6], din kinitx ivvizzjata minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-Artikolu 73(1) tar-Regolament Nru 2100/94, ċjoè n-nuqqas ta' kompetenza, ksur ta' forom proċedurali essenzjali, ksur tat-Trattat, ta' dak ir-regolament jew ta' xi regola tad-dritt relatata mal-applikazzjoni tagħhom, jew abbuż ta' poter.

23. Is-suġġett ta' appell quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja konformi mal-Artikolu 225 KE huwa, min-naħa l-oħra, il-legalità tad-deċiżjoni jew is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza. Fil-kuntest tal-appell preżenti, il-Qorti tal-Ġustizzja, għaldaqstant, ma għandha ebda ġurisdizzjoni biex tistħarreġ id-deċiżjoni li tkun ittieħdet mill-Bord tal-Appell u lanqas, *a fortiori*, id-deċiżjoni li tkun ittieħdet oriġinarjament mis-CPVO. Lanqas il-proċedura tal-appell m'hija maħsuba bħala eżami ġenerali mill-ġdid tar-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza. Kif jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita, il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell hija limitata għal stħarriġ tal-konstatazzjonijiet ta' liġi mill-Qorti tal-Prim'Istanza — bl-esklużjoni, fil-prinċipju, ta' kwalunkwe konstatazzjonijiet ta' fatt — fuq il-motivi ttrattati quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza [7].

5 — F'dan ir-rigward, jista' jsir tixbih mas-sistema ta' stħarriġ stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94, tal-20 ta' Diċembru 1993, dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 146): ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-13 ta' Marzu 2007, UASI vs Kaul, (C-29/05 P, Ġabra p. I-2213, punti 56 u 57)

6 — Ara, f'dan il-kuntest, is-sentenza Kaul, (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 5, punti 53 u 54); ara wkoll is-sentenza tal-11 ta' Mejju 2006, Sunrider vs UASI, (C-416/04 P, Ġabra I-4237, punt 55).

7 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-21 ta' Frar 2008, Il-Kummissjoni vs Girardot, (C-348/06 P, Ġabra p. I-833, punt 49) kif ukoll tal-1 ta' Ġunju 1994, Il-Kummissjoni vs Brazzelli Lualdi *et*, (C-136/92 P, Ġabra p. I-1981, punt 59).

24. Barra dan, meta jistħarrġu atti amministrattivi ta' istituzzjonijiet tal-Komunità, il-Qrati tal-Komunità, kif ġie rrilevat mill-Qorti tal-Prim'Istanza fl-osservazzjonijiet preliminari tagħha fil-punti 59 sa 62 tas-sentenza appellata, huma suġġetti wkoll għal ċerti limitazzjonijiet fir-rigward tal-"profondità" tal-istħarriġ ġudizzjarju li għandu jitwettaq.

25. F'dan ir-rigward, jirriżulta mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li, meta, fl-eżerċizzju tal-poteri tagħhom, l-awtoritajiet jissejħu biex jagħmlu evalwazzjonijiet kumplessi ta' natura teknika, xjentifika, ekonomika jew soċjali, dawk l-awtoritajiet għandhom jingħataw ċerti marġni ta' evalwazzjoni [8]. Jirriżulta wkoll minn din il-ġurisprudenza li, meta tistħarreġ deċiżjoni amministrattiva bbażata fuq evalwazzjoni bħal din, il-qorti tal-Komunità ma għandhiex tissostitwixxi l-evalwazzjoni tagħha għal dik tal-awtorità kompetenti. Għaldaqstant, l-istħarriġ ġudizzjarju f'materji bħal dawn għandu jkun limitat sabiex jiġi verifikat li l-miżura inkwistjoni ma hijiex ivvizzjata b'xi żbalji manifesti jew minn abbuż ta' poter u li l-awtorità kkonċernata ma eċċedietx b'mod manifest il-limiti tad-diskrezzjoni tagħha [9]. B'mod partikolari, kif irrilevat il-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 61 tas-sentenza appellata, il-qorti tal-Komunità f'każijiet bħal dawn għandha teżamina jekk il-provi invokati humiex fattwalment preċiżi, affidabbli u konsistenti u jekk dawn il-provi jinkludux l-informazzjoni kollha li għandha tiġi kkunsidrata sabiex tiġi evalwata s-sitwazzjoni kumplessa inkwistjoni [10].

26. Din il-ġurisprudenza hija, fil-fehma tiegħi, applikabbli wkoll fir-rigward tal-għoti ta' drittijiet fil-varjetajiet ta' pjanti tal-Komunità sa fejn, madankollu, id-deċiżjoni amministrattiva f'dan il-qasam hija r-riżultat ta' evalwazzjoni kumplessa tat-tip previst mill-ġurisprudenza hawn fuq imsemmija, kif inhu mingħajr dubju, kif ġie kkonstatat mill-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punti 63 sa 66 tas-sentenza appellata, il-każ meta wieħed jiġi għall-evalwazzjoni tal-karattru distintiv tal-varjetà tal-pjanti fid-dawl tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 2100/94.

8 — Ara f'dan is-sens, *inter alia*, is-sentenzi tal-14 ta' Jannar 1997, Spanja vs Il-Kummissjoni, (C-169/95, Ġabra p. I-135, punt 34); tad-19 ta' Novembru 1998, Ir-Renju Unit vs Il-Kunsill, (C-150/94, Ġabra p. I-7235, punt 49); tal-14 ta' Diċembru 2000, L-Italja vs Il-Kummissjoni (C-99/99, Ġabra p. I-11535, punt 26); tat-12 ta' Marzu 2002, Omega Air *et*, (C-27/00 u C-122/00, Ġabra p. I-2569, punt 65); tad-29 ta' April 2004, L-Italja vs Il-Kummissjoni, (C-372/97, Ġabra p. I-3679, punt 83), u tat-12 ta' Ottubru 2004, Nicoli (C-87/00, Ġabra p. I-9357, punt 37).

9 — Ara, f'dan is-sens, id-Digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-11 ta' April 2001, Il-Kummissjoni vs Bruno Farmaceutici *et*, (C-474/00 P(R), Ġabra p. I-2909, punt 90), kif ukoll is-sentenzi tat-18 ta' Diċembru 2007, Cementbouw Handel & Industrie vs Il-Kummissjoni, (C-202/06 P, Ġabra p. I-12129, punt 53); u tat-2 ta' Lulju 2009, Bavaria u Bavaria Italia, (C-343/07, Ġabra p. I-5491, punt 82).

10 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-22 ta' Novembru 2007, Spanja vs Il-Kummissjoni ("Lenzing"), (C-525/04 P, Ġabra p. I-9947, punt 57) kif ukoll tat-18 ta' Lulju 2007, Industrias Químicas del Vallés vs Il-Kummissjoni, (C-326/05 P, Ġabra p. I-6557, punti 76 u 77).

27. Wara li ntqal dan, peress li l-partijiet diversi tal-aggravji mressqa minn R. Schräder għandhom karatteristiċi komuni u huma repetittivi parzjalment, huwa xieraq li jiġu eżaminati flimkien (i) l-ewwel u t-tieni partijiet tal-ewwel aggravju u, min-naħa l-oħra, (ii) it-tielet, ir-raba' u l-ħames partijiet ta' dan l-aggravju. Bl-istess mod, l-ewwel, it-tieni u t-tielet partijiet tat-tieni aggravju ser jiġu eżaminati flimkien.

B — *Aggravji*

1. L-ewwel aggravju

a) L-ewwel u t-tieni partijiet tal-ewwel aggravju, li jikkonċernaw il-konstatazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza dwar il-kwistjoni ta' jekk il-varjetà ta' referenza u l-varjetà li saret applikazzjoni għaliha kinux fil-fatt l-istess varjetà.

i) L-argumenti prinċipali

28. Bl-ewwel parti tal-aggravju tiegħu, R. Schräder jikkontesta l-konstatazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza, li jinsabu fil-punti 76, 79 u 131 tas-sentenza appellata, rigward id-dikjarazzjonijiet ta' Heine dwar il-kwistjoni ta' jekk il-varjetà ta' referenza ta' van Jaarsveld kinitx effettivament identika għall-varjetà li saret applikazzjoni għaliha SUMCOL 01. R. Schräder isostni, l-ewwel nett, li l-Qorti tal-Prim'Istanza kienet żbaljata meta ddikjarat, fil-punt 131 tas-sentenza appellata, li hu ma kien ressaq ebda prova biex jissostanzja l-argument tiegħu li d-dikjarazzjonijiet ta' Heine ġew irreġistrati mhux b'mod komplut fid-deċiżjoni kkontestata. It-tieni nett, il-verbal tas-smigħ tat-30 ta' Settembru 2005 quddiem il-Bord tal-Appell, imsemmi fil-punt 79 tas-sentenza appellata, ma jistax jipprovdi prova definittiva dwar id-dikjarazzjonijiet li saru mill-partijiet waqt is-seduta, peress li dan seħħ bi ksur tal-Artikolu 63(2) tar-Regolament Nru 1239/95. It-tielet nett, il-Qorti tal-Prim'Istanza invokat, anki fil-punt 79 tas-sentenza appellata, provi li ma kinux fil-proċess u li għaldaqstant għawġet l-provi u bbażat il-konstatazzjonijiet tagħha purament fuq suppożizzjoni għal dak li jikkonċerna l-posta elettronika ta' Heine.

29. It-tieni parti tal-ewwel aggravju hija bbażata fuq żbalji proċedurali, marbuta mal-konstatazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza, fil-punti 36, 71, 73, 74, 79 u 131 tas-sentenza appellata, li skonthom il-varjetà ta' referenza ta' van Jaarsveld u l-varjetà li saret applikazzjoni għaliha fil-fatt ma kinux identiċi. Skont R. Schräder, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma setgħetx tikkonstata b'mod raġjonevoli,

fil-punt 73 tas-sentenza appellata, li l-fatturi ġenerali msemmija minnu ma kinux biżżejjed biex jirribattu l-konklużjoni li wasal għaliha l-Bundessortenamt li d-differenzi osservati bejn il-varjetà ta' referenza ta' Jaarsveld u l-varjetà li saret applikazzjoni għaliha SUMCOL 01 ma setgħux jiġu attribwiti għal fatturi ambjentali.

30. F'dan ir-rigward, fl-ewwel lok R. Schräder isostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza imponiet rekwiżiti eċċessivi fir-rigward tal-argumenti tiegħu u għalhekk kisret il-prinċipji li jirregolaw il-ġbir tal-provi. B'mod partikolari, meta jiġi kkunsidrat iż-żmien li kien diġà għadda mill-eżami tal-pjanti, ma kienx possibbli għalih li jissottometti provi iktar speċifiċi sabiex jirribatti l-allegazzjonijiet li saru minn Heine waqt is-smigħ quddiem il-Bord tal-Appell. Barra dan, R. Schräder jirrileva li l-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat, fil-punt 130 tas-sentenza appellata, li Heine kienet għamlet id-dikjarazzjonijiet tagħha bħala parti fil-proċeduri, mhux bħala xhud jew espert. Peress li R. Schräder kien ikkontesta dawn id-dikjarazzjonijiet, il-Bord tal-Appell u l-Qorti tal-Prim'Istanza ma kellhomx dritt jagħtu iktar importanza lid-dikjarazzjonijiet tas-CPVO mingħajr ma jieħdu l-provi li hu kien offra li jipproduċi. Billi, b'mod ġenerali, irrifjutat l-offerti tiegħu li jipproduċi provi, il-Qorti tal-Prim'Istanza kisret id-dritt ta' smigħ ta' R. Schräder.

31. Fit-tieni lok, R. Schräder jafferma li, meta waslet għall-konklużjoni kkontestata fil-punt 74 tas-sentenza appellata, li abbażi tagħha s-sottomissjonijiet tiegħu ma kinux speċifiċi biżżejjed, il-Qorti tal-Prim'Istanza għawġet il-fatti u l-provi. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Prim'Istanza injorat il-fatt li R. Schräder kien ikkummenta, waqt is-smigħ quddiem il-Bord tal-Appell, dwar il-varjetajiet imqabbla fl-2003 u, fl-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu tal-14 ta' Ottubru 2005, dwar id-differenzi speċifiċi bejn il-varjetajiet imqabbla. Fl-aħħarnett, il-Qorti tal-Prim'Istanza injorat l-offerta tiegħu, li saret fil-punt 43 tar-rikors tiegħu, biex jipprovdi perizja biex jissostanzja l-affermazzjoni tiegħu li dawn id-differenzi setgħu jiġu spjegati bir-riproduzzjoni tal-varjetà ta' referenza mill-Bundessortenamt.

ii) Evalwazzjoni

32. Jien nixtieq infakkar mill-bidu nett li l-ġurisprudenza stabbilita li tistabbilixxi li l-Qorti tal-Prim'Istanza għandha ġurisdizzjoni esklużiva, l-ewwel, biex tikkonstata l-fatti, ħlief fil-każ fejn l-ineżattezza materjali tal-konstatazzjonijiet tagħha tirriżulta mill-atti tal-proċess li jkunu ġew ippreżentati quddiemha u, it-tieni, biex tevalwa dawn il-fatti. Ladarba l-Qorti tal-Prim'Istanza tkun ikkonstatat jew evalwat il-fatti, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-kompetenza li teżerċita, skont l-Artikolu 225 KE, stħarriġ dwar il-kwalifikazzjoni ġuridika ta' dawn

il-fatti u l-konsegwenzi ta' dritt li tkun waslet għalihom il-Qorti tal-Prim'Istanza abbażi ta' dawn il-fatti [11].

33. Għalhekk, il-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex kompetenti sabiex tikkonstata l-fatti u lanqas, bħala regola, sabiex teżamina l-provi li l-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat insostenn ta' dawn il-fatti. Ladarba dawn il-provi jkunu nkisbu b'mod regolari, u l-prinċipji ġenerali tal-liġi kif ukoll ir-regoli ta' proċedura applikabbli fir-rigward tal-oneru u tal-ġbir tal-provi jkunu ġew osservati, hija biss il-Qorti tal-Prim'Istanza li tista' tevalwa l-valur li għandu jingħata lill-provi li jkunu tressqu quddiemha. Din l-evalwazzjoni għaldaqstant ma tikkostitwixxix, ħlief fil-każ tal-iżnaturament ta' dawn il-provi, kwistjoni ta' dritt suġġetta, bħala tali, għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja [12].

34. Insegwitu, huwa neċessarju li l-ilmenti inkwistjoni jitqiegħdu fil-kuntest tagħhom fir-rigward tas-sentenza appellata.

35. Fil-partijiet tas-sentenza appellata li għandhom x'jaqsmu magħhom dawn l-ilmenti, il-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet bħala infondata l-ewwel parti tal-ewwel motiv imressaq quddiemha, li permezz tagħha R. Schräder ikkontenda li s-CPVO u l-Bord tal-Appell kienu żbaljati meta kkunsidraw li l-varjetà SUMCOL 01 kienet nieqsa minn karattru -distintiv fis-sens tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 2100/94.

36. Il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat, fil-punt 73 tas-sentenza appellata, li l-fatturi invokati minn R. Schräder ma kinux suffiċjenti sabiex jiġi stabbilit li l-Bundessortenamt u, warajh, is-CPVO kif ukoll il-Bord tal-Appell tiegħu wettqu f'dan ir-rigward żball manifest ta' evalwazzjoni, li jista' jwassal għal annullament tad-deċiżjoni kkontestata.

37. Bl-ewwel żewġ partijiet tal-ewwel aggravju tiegħu, din il-konstatazzjoni essenzjalment hija kkontestata f'żewġ aspetti: l-ewwel, sa fejn il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat, fil-punt 74 tas-sentenza appellata, li l-kunsiderazzjonijiet li jikkonċernaw l-effett ta' fatturi ambjentali msemmija minn R. Schräder ma kinux suffiċjenti biex jirribattu l-konklużjoni kuntrarja li wasal għaliha l-Bundessortenamt u, it-tieni, sa fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ma aċċettatx, fil-punti 77 sa 79 tas-sentenza appellata, l-argumenti invokati minn R. Schräder abbażi tad-dikjarazzjonijiet li saru minn Heine waqt is-smigħ quddiem

11 — Ara, f'dan is-sens, b'mod partikolari, is-sentenza tas-6 ta' April 2006, General Motors vs Il-Kummissjoni, (C-551/03 P, Ġabra I-3173, punt 51); tat-22 ta' Mejju 2006, Evonik Degussa vs Il-Kummissjoni u l-Kunsill, (C-266/06 P, punt 72); kif ukoll is-sentenzi magħquda tat-18 ta' Diċembru 2008, Coop de France bétail et viande *et* vs Il-Kummissjoni, (C-101/07 P u C-110/07 P, Ġabra p. I-10193, punt 58).

12 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi ċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 11, Coop de France bétail et viande u et vs Il-Kummissjoni, ,(punt 59); General Motors vs Il-Kummissjoni, (punt 52); u Evonik Degussa vs Il-Kummissjoni, (punt 73).

il-Bord tal-Appell u f'posta elettronika lis-CPVO.

38. Sa fejn għalhekk R. Schräder qiegħed essenzjalment jipprova juri li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma setgħetx tikkonkludi b'mod raġonevoli li l-fatti u ċ-ċirkustanzi msemmija iktar 'il fuq ma kinux suffiċjenti biex jirribattu l-konklużjoni li wasal għaliha l-Bundessortenamt u li ġiet ikkonfermata mill-Bord tal-Appell, għalkemm hu qed jinvoka formalment żbalji ta' liġi, fir-realtà qed iqiegħed fid-dubju l-evalwazzjonijiet ta' fatti mwettqa mill-Qorti tal-Prim'Istanza dwar dan il-punt u qed jikkontesta l-valur probatorju li ġie attribwit lil dawk il-fatti.

39. Fl-ambitu ta' dawk il-limiti, l-ewwel u tieni partijiet tal-ewwel aggravju, għandhom, fid-dawl tal-ġurisprudenza msemmija iktar 'il fuq [13], jitqiesu inammissibbli.

40. Safejn R. Schräder qed jallega li l-Qorti tal-Prim'Istanza żnaturat il-fatti u l-provi, meta evalwat l-argumenti bbażati fuq id-dikjarazzjonijiet ta' Heine u fuq l-impatt possibbli tal-fatturi ambjentali fuq id-differenzi bejn il-varjetajiet ta' referenza u l-varjetajiet li għalihom saret l-applikazzjoni, skont il-ġurisprudenza stabbilita, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li żnaturament tal-provi jeżisti meta, mingħajr ma jkun hemm bżonn ta' riferiment għal provi ġodda, l-evalwazzjoni tal-provi eżistenti tkun tidher manifestament żbaljata [14].

41. Madankollu, l-argumenti msemmija fil-kuntest tal-ewwel u t-tieni partijiet tal-ewwel aggravju huma limitati sabiex tiġi kkonstata, f'diversi aspetti, l-evalwazzjoni tal-fatti mwettqa mill-Qorti tal-Prim'Istanza u, b'mod partikolari, fir-rigward tal-konklużjoni li saret fil-punt 74 tas-sentenza appellata, in-natura mhux kompluta ta' din l-evalwazzjoni. Madankollu, R. Schräder ma weriex b'liema mod il-Qorti tal-Prim'Istanza żnaturat il-provi fis-sens tal-ġurisprudenza msemmija iktar 'il fuq. Għandu jiġi osservat, f'dan ir-rigward, li t-turija li l-Qorti tal-Prim'Istanza setgħet jew, fil-fehma ta' R. Schräder, kellha tevalwa l-provi b'mod differenti u tattribwixxi valur differenti lil dawn il-fatti, ma hijiex l-istess bħat-turija li l-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja ta' dawn il-fatti u l-provi kienet manifestament żbaljata.

13 — Ara l-punti 32 u 33 ta' dawn il-konklużjonijiet.

14 — Ara f'dan is-sens, *inter alia*, is-sentenzi tat-8 ta' Mejju 2008, Eurohypo vs UASI, (C-304/06 P, Ġabra p. I-3297, punt 34); tat-18 ta' Jannar 2007, PKK u KNK vs Il-Kunsill, (C-229/05 P, Ġabra p. I-439, punt 37); kif ukoll tat-18 ta' Jannar 2007, Industrias Químicas del Vallés vs Il-Kummissjoni, (iċċitata iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 10, punt 60).

42. Apparti minn hekk, jien ma naħsibx li l-allegazzjonijiet li l-Qorti tal-Prim'Istanza kisret, fil-partijiet inkwistjoni tas-sentenza, ir-regoli tal-proċedura li jirregolaw l-oneru tal-provi u l-ġbir tal-provi huma fondati.

43. L-ewwel nett, hu importanti li jiġi kkunsidrat li ma hijiex il-Qorti tal-Prim'Istanza stess li għandha tipproċedi għal evalwazzjoni sħiħa dwar jekk il-varjetà SUMCOL 01 kinitx nieqsa minn karattru distintiv fis-sens tal-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 2100/94. Hija għandha, pjuttost, il-kompitu li teżamina jekk, fit-twettiq ta' din l-evalwazzjoni, il-Bord tal-Appell kienx ikkommetta żball manifest [15].

44. It-tieni nett u b'mod partikolari, fir-rigward tal-evalwazzjoni li tikkonċerna d-dikjarazzjonijiet ta' Heine, anki jekk wieħed jassumi li, kif isostni R. Schräder, il-verbal tas-seduta ma kienx ġie ppreżentat għall-approvazzjoni tal-partijiet, bi ksur tal-Artikolu 63(2) tar-Regolament Nru 1239/95, dan l-iżball proċedurali minnu nnifsu ma huwiex biżżejjed biex iqiegħed fid-dubju r-riferiment li sar fil-verbal tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 79 tas-sentenza appellata. Barra dan, ma hijiex il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-appell, imma l-Qorti tal-Prim'Istanza, li għandha tiddetermina jekk id-dikjarazzjonijiet ta' Heine ġewx irreġistrati b'mod mhux komplut fid-deċiżjoni kontestata, u dan ġie kkunsidrat bħala mhux stabbilit minn din il-qorti, fil-punt 131 tas-sentenza appellata, mingħajr ma wettqet żball manifest ta' evalwazzjoni [16]. Fl-aħħar nett, fil-punt 79 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza stabbilixxiet għalfejn, fil-fehma tagħha, fl-evalwazzjoni globali tal-provi, ma kienx hemm lok li jingħata kredtu partikolari għad-dikjarazzjoni ta' Heine fil-posta elettronika tal-20 ta' Ġunju 2005. B'hekk din iddeterminat, fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni esklużiva tagħha li tevalwa l-provi, il-valur probatorju li għandu jingħata lil din id-dikjarazzjoni u ma ġiex muri li, meta għamlet dan, il-Qorti tal-Prim'Istanza kisret ir-regoli li jirregolaw il-ġbir tal-provi jew l-oneru tal-prova.

45. Fil-fehma tiegħi, l-istess japplika fir-rigward (i) tal-kunsiderazzjoni, mill-Qorti tal-Prim"Istanza, tad-dikjarazzjoni li saret minn Heine waqt is-smigħ quddiem il-Bord tal-Appell u (ii) tal-konklużjoni li saret fil-punt 74 tas-sentenza appellata. Fir-rigward, b'mod iktar partikolari, ta' dan l-aħħar punt, ma jistax jingħad li l-Qorti tal-Prim"Istanza, kif ġiet interpretata s-sentenza minn R. Schräder, "imponiet rekwiżiti eċċessivi" fir-rigward tas-sottomissjonijiet tiegħu jew "ċanfritu" għax ma pproduċiex provi iktar speċifiċi; pjuttost, din sempliċement ikkonstatat li,

15 — Ara l-punti 25, 26 u 36 iktar 'il fuq.

16 — Għandu jiġi osservat, b'mod iktar partikolari, li fil-punt 41 tar-rikors ippreżentat quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, R. Schräder offra li jipproduċi provi, fil-forma ta' smigħ tax-xhieda ta' Heine, sabiex jikkonferma d-dikjarazzjonijiet tiegħu waqt is-smigħ tal-Bord tal-Appell u mhux, speċifikament, dwar il-kompletezza tal-verbal.

fl-evalwazzjoni tal-valur li għandu jiġi mogħti lil dawn il-provi — u għalhekk mingħajr, fil-fehma tiegħi, ma wettqet żball proċedurali — l-ispjegazzjonijiet, ix-xhieda u l-perizji mressqa minnu ma kinux biżżejjed biex jirribattu l-konklużjoni li wasal għaliha l-Bundessortenamt.

46. Fl-aħħar nett, safejn R. Schräder jallega ripetutament — kif jagħmel f'kull punt tal-aggravji mressqa minnu fl-appell preżenti — evalwazzjonijiet ta' fatti mhux kompluti u jilmenta li l-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet l-offerti tiegħu li jipproduċi provi, jien nirrileva li l-Qorti tal-Ġustizzja konsistentement ikkonstatat, fir-rigward tal-evalwazzjonijiet mill-Qorti tal-Prim'Istanza ta' talbiet imressqa minn parti għal miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura jew istruttorji, li l-Qorti tal-Prim'Istanza hija l-unika qorti li jista' jkollha bżonn tissupplimenta l-informazzjoni disponibbli għaliha fir-rigward tal-kawżi quddiemha. Jekk il-provi quddiemha humiex suffiċjenti jew le hija kwistjoni li għandha tiġi evalwata minn dik il-qorti biss u ma tistax tiġi mistħarrġa mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-appell, ħlief fejn dawk il-provi jkunu ġew żnaturati jew l-ineżattezza fil-konstatazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza tkun evidenti mid-dokumenti fil-proċess [17]. Peress li ma ntweriex tali żnaturament jew ineżattezza fil-kuntest preżenti [18], l-ilmenti fis-sens li l-Qorti tal-Prim'Istanza injorat offerti biex jiġu prodotti provi għandhom, fil-fehma tiegħi, jinċaħdu.

47. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija iktar 'il fuq, fil-fehma tiegħi l-ewwel u t-tieni partijiet tal-ewwel aggravju għandhom jiġu miċħuda.

b) It-tielet, ir-raba' u l-ħames partijiet tal-ewwel aggravju, fejn jiġu allegati żbalji ta' liġi fl-evalwazzjoni tal-kredibbiltà tad-dikjarazzjoni ta' E. van Jaarsveld

i) L-argumenti prinċipali

48. It-tielet parti tal-ewwel aggravju tikkonċerna d-disponibbiltà tas-SUMCOL 01 fl-Afrika ta' Isfel fl-2002 u hi diretta kontra l-konstatazzjoni tal-Qorti tal-Prim"Istanza, fil-punt 82 tas-sentenza appellata, li "[l-] iktar l-iktar, ir-rikorrent stabbilixxa li impriża

17 — Ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tal-10 ta' Lulju 2001, Ismeri Europa vs Il-Qorti tal-Awdituri, (C-315/99 P, Ġabra p. I-5281, punt 19); is-sentenzi magħquda tal-11 ta' Settembru 2008, Il-Ġermanja *et* vs Kronofrance, (C-75/05 P u C-80/05 P, Ġabra p. I-6619, punt 78), u tas-16 ta' Diċembru 2008, Masdar (UK) vs Il-Kummissjoni, (C-47/07 P, Ġabra p. I-9761, punt 99).

18 — Ara l-punti 41 sa 45 ta dawn il-konklużjonijiet.

Kenjana, Florensis, kellha fil-pussess tagħha numru limitat ta' eżemplari, lejn l-aħħar tal-2001, għall-finijiet ta' testijiet ta' produttività, u li impriża tal-Afrika ta' Isfel, Alba-Atlantis, kienet temporanjament uriet interess, fil-bidu tal-2002, sabiex takkwista liċenzja ta' distibuzzjoni esklużiva ta' din il-varjetà fl-Afrika ta' Isfel. Skont R. Schräder, dawn il-konstatazzjonijiet mhumiex korretti peress li hu kien wera wkoll li pjanti tal-varjetà li saret applikazzjoni għaliha setgħu jinkisbu fl-Afrika mill-Ġermanja permezz ta' ordnijiet bil-posta. Barra dan, il-Qorti tal-Prim'Istanza injorat l-offerta tiegħu li jipproduċi provi li din kienet pjanta tal-varjetà li saret applikazzjoni għaliha li kienet tikber fil-ġnien privat ta' E van Jaarsveld u mhux kampjun ta' varjetà komunement disponibbli f'mixtliet fl-Afrika ta' Isfel. Barra dan, R. Schräder jissottometti li l-evalwazzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza kienet illoġika u żnaturat il-provi safejn din ikkonfermat il-konstatazzjoni tal-Bord tal-Appell li l-varjetà ta' referenza kienet ġeneralment disponibbli f'mixtliet fl-Afrika ta' Isfel, minkejja l-fatt li R. Schräder kien afferma — mingħajr ma ġie kontradett fuq dan il-punt — li impriża mill-Afrika ta' Isfel kellha interess li tikseb liċenzja esklużiva ta' distribuzzjoni għal din il-varjetà.

49. Bir-raba' parti tal-ewwel aggravju, R. Schräder jikkontesta l-evalwazzjoni mwettqa mill-Qorti tal-Prim'Istanza, fil-punti 84, 93 u 95 tas-sentenza appellata, dwar il-kredibbiltà u l-imparzjalità ta' E. van Jaarsveld bħala xhud espert fir-rigward tar-reġistrazzjoni tas-SUMCOL 01. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma kkunsidratx partijiet tal-argumenti tiegħu u injorat l-offerti tiegħu biex jipproduċi provi li E. van Jaarsveld fil-fatt kellu interess li jżomm varjetà li saret applikazzjoni għaliha milli tiġi rreġistrata.

50. Il-ħames parti tal-ewwel aggravju hija indirizzata, b'mod iktar speċifiku, kontra l-konstatazzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza, fil-punt 85 tas-sentenza appellata, li R. Schräder ma pproduċa ebda provi li xeħtu dubji serji dwar il-kredibbiltà tad-dikjarazzjonijiet ta' E. van Jaarsveld. R. Schräder isostni li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma tatx kunsiderazzjoni xierqa lil diversi argumenti li juru li l-kredibbiltà ta' E. van Jaarsveld kienet dubjuża.

ii) Evalwazzjoni

51. L-ewwel nett, l-ilmenti mressqa fil-kuntest tat-tielet, ir-raba' u l-ħames partijiet tal-ewwel aggravju huma diretti essenzjalment kontra r-raġunament tal-Qorti tal-Prim'Istanza li abbażi tiegħu hi ċaħdet, fil-punt 81 tas-sentenza appellata, l-argumenti li permezz tagħhom R. Schräder ipprova jirribatti t-teżi adottata mill-Bord tal-Appell li abbażi tal-esperjenza setgħet tiġi eskluża

l-possibbiltà li pjanti tal-varjetà SUMCOL 01 setgħu laħqu l-ġnien privat ta' E. van Jaarsveld.

52. Madankollu, fil-punti 86 u 87 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza għamlitha ċara li, anki jekk wieħed jassumi li l-Bord tal-Appell adotta, kif R. Schräder ipprova juri, din it-teżi b'mod żbaljat, żball bħal dan ma jkollu ebda effett fuq il-legalità tad-deċiżjoni kkontestata, peress li, fi kwalunke każ, il-possibbiltà allegata ma setgħetx tqiegħed fid-dubju l-valutazzjoni tas-CPVO, ibbażata fuq ir-riżultati tal-eżami tekniku, li l-varjetà SUMCOL 01 u l-varjetà van Jaarsveld kienu jikkostitwixxu żewġ varjetajiet differenti.

53. Għalhekk huwa evidenti li l-ilmenti mressqa fil-qafas tat-tielet, ir-raba' u l-ħames partijiet tal-ewwel aggravju huma diretti kontra motivi tas-sentenza appellata li kienu inklużi mill-Qorti tal-Prim'Istanza purament għall-kompletezza. Peress li dawk l-ilmenti, anki jekk wieħed jassumi li kienu fondati sew, ma jistgħux għalhekk iwasslu biex din is-sentenza tiġi annullata, dawn għandhom, skont il-ġurisprudenza stabbilita, jinċaħdu bħala ineffettivi [19].

54. Madankollu, fil-fehma tiegħi, dawn l-ilmenti fi kwalunkwe każ għandhom jiġu kkunsidrati inammissibbli peress li għandhom x'jaqsmu, b'mod iktar partikolari, mal-konstatazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza li ma ġiex stabbilit li s-SUMCOL 01 kien disponibbli fiż-żmien ikkonċernat fl-Afrika t'Isfel u ma' konstatazzjonijiet li eskludew l-ilmenti l-oħra li bihom ir-rikorrent ipprova juri li d-dikjarazzjonijiet ta' E. van Jaarsveld ma kinux kredibbli. Meta qed jikkontesta dawn l-evalwazzjonijiet, R. Schräder qed iqiegħed fid-dubju b'mod manifest evalwazzjonijiet ta' fatt li saru mill-Qorti tal-Prim'Istanza u qed jitlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tissostitwixxi, fuq dawn il-punti, l-evalwazzjoni tagħha għal dik li saret mill-Qorti tal-Prim'Istanza [20].

55. Barra dan, ma jidhirlix li l-Qorti tal-Prim'Istanza żnaturat, fil-motivazzjoni tas-sentenza appellata, il-provi jew li bbażat il-konstatazzjonijiet tagħha fuq provi insuffiċjenti [21].

56. Għalhekk, it-tielet, ir-raba' u l-ħames partijiet tal-ewwel aggravju għandhom jinċaħdu.

19 — Ara, f'dan is-sens, *inter alia*, is-sentenzi tat-22 ta' Diċembru 1993, Pincherle vs Il-Kummissjoni, (C-244/91 P, Ġabra p. I-6965, punt 31); tat-8 ta' Mejju 2003, T. Port vs Il-Kummissjoni, (C-122/01 P, Ġabra p. I-4261, punt 17) u tad-19 ta' April 2007, UASI vs Celltech, (C-273/05 P, Ġabra p. I-2883, punti 55 u 56).

20 — Ara, f'dan ir-rigward, il-punti 33 u 34 ta' dawn il-konklużjonijiet u l-ġurisprudenza ċċitata.

21 — F'dan ir-rigward, jien nirreferi wkoll għall-punt 46 ta' dawn il-konklużjonijiet u l-ġurisprudenza ċċitata.

c) ċ) Is-sitt parti tal-ewwel aggravju, fejn jiġi allegat li kien hemm konstatazzjonijiet żbaljati dwar jekk il-varjetà ta' referenza setgħetx titqies ġeneralment magħufa.

i) L-argumenti prinċipali

57. Bis-sitt parti tal-ewwel aggravju, li tirreferi għall-punti 90, 91, 68, 80 u 96 tas-sentenza appellata, R. Schräder jallega essenzjalment li l-Qorti tal-Prim'Istanza kkommettiet diversi żbalji ta' liġi meta eżaminat il-kwistjoni dwar jekk il-varjetà van Jaarsveld setgħetx korrettement titqies bħala fatt li jafu kulħadd fis-sens tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 2100/94. Dawn l-iżbalji jirriżultaw mill-fatt li l-Qorti tal-Prim'Istanza naqset milli tiddistingwi b'mod ċar bejn "varjetà" u "speċi" u użat dawn il-kunċetti inparti b'mod sinonimu.

58. Skont R. Schräder, l-ewwel nett, il-Qorti tal-Prim'Istanza żbaljat u żnaturat il-provi, meta assumiet li l-Bord tal-Appell, is-CPVO u l-Bundessortenamt kienu qabblu l-varjetà ta' referenza van Jaarsveld ma' "varjetà" deskritta minn Dr Codd. It-tieni nett, is-sentenza appellata hija kontradittorja peress li, fil-punti 80 u 96, ġie ddikjarat li Dr Codd iddeskriva "speċi" botanika bħala *Plectranthus ornatus*, filwaqt li fil-punt 91 ta' din is-sentenza jsir riferiment għall-"varjetà" *Plectranthus ornatus*. It-tielet nett, il-Qorti tal-Prim'Istanza estendiet is-suġġett tal-proċeduri, għalkemm hija ddikjarat fil-punt 68 tas-sentenza appellata, li s-CPVO ma setax jinvoka għall-ewwel darba, fil-kuntest tal-proċeduri quddiemha, "varjetà" deskritta minn Dr. Codd għar-raġuni li din il-varjetà ma tteħditx inkunsiderazzjoni mill-Bord tal-Appell.

ii) Evalwazzjoni

59. L-ewwel ilment imressaq fil-qafas tas-sitt parti tal-ewwel aggravju jidher li hu bbażat fuq interpretazzjoni pjuttost limitata tal-punt 91 tas-sentenza appellata.

60. Fil-motivi tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza kkunsidrat li t-tieni parti tal-ewwel motiv quddiemha, li bih R. Schräder sostna li s-CPVO kien ikkonstata b'mod żbaljat li l-varjetà ta' referenza kienet ġeneralment magħrufa u, b'mod partikolari, li E. van Jaarsveld kien żbaljat meta ddikjara li l-pjanti inkwistjoni ġew minn varjetà li kienet disponibbli għal numru ta' snin fi ħwienet tal-ġonna fl-Afrika ta' Isfel. Huwa sostna, b'mod

partikolari, li l-unika ħaġa li ġiet ipprovata kienet l-eżistenza ta' pjanta iżolata li kienet qed tikber fil-ġnien privat E. van Jaarsveld [22].

61. B'risposta għal dan, fil-punt 91 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza stqarret li R. Schräder ma kienx ressaq xi argument speċifiku jew provi biex jissustanzja t-tieni parti tal-motiv, li, kif intqal fil-qosor mill-Qorti tal-Ġustizzja, "[kien] jikkontesta l-assimilazzjoni li l-Bord tal-Appell għamel tal-varjetà ta' referenza provenjenti mill-ġnien ta' E. van Jaarsveld mal-varjetà tal-Afrika ta' Isfel tal-ispeċi Plectranthus ornatus deskritta fil-pubblikazzjonijiet xjentifiċi inkwistjoni u msemmija fid-dikjarazzjonijiet ta' E. van Jaarsveld u ta' J. Sadie". Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li l-Bord tal-Appell kien "ġustifikat li jagħmel din l-assimilazzjoni" abbażi tad-diversi dikjarazzjonijiet ta' E. van Jaarsveld.

62. Il-punt tas-silta msemmija hawn fuq, għalhekk, ma kienx li "varjetà" tiġi kkunsidrata bħala "speċi" [23] iżda, pjuttost, li tiġi ribattuta t-teżi li l-kampjun mibgħut bħala varjetà ta' referenza kien jappartjeni lil pjanta iżolata fil-ġnien privat ta' E. van Jaarsveld u li tiġi kkonfermata, għall-kuntrarju, il-konstatazzjoni mill-Bord tal-Appell, riprodotta fil-punt 90 tas-sentenza appellata, li skontha, fid-dawl ta' diversi fatturi, bħad-dikjarazzjonijiet ta' E. van Jaarsveld u J. Sadie (tal-Ministeru tal-Agrikoltura tal-Afrika ta' Isfel) u d-deskrizzjoni ta' Dr Codd, "[i]t-tirqid mibgħut kien dak tal-ispeċi P. ornatus , kif ikkoltivat fl-Afrika ta' Isfel".

63. Fil-fehma tiegħi, ma jistax jiġi sostnut għalhekk li l-Qorti tal-Prim'Istanza żnaturat id-deċiżjoni kkontestata.

64. It-tieni lment huwa li hemm kontradizzjoni bejn il-punti 80, 81 u 91 tas-sentenza appellata, minħabba l-allegata konfużjoni bejn il-kunċetti ta' "varjetà" u "speċi".

65. F'dan ir-rigward, il-kwistjoni dwar jekk il-motivazzjoni ta' sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza hijiex kontradittorja jew adegwata tikkostitwixxi punt ta' liġi li jista', bħala tali, jiġi mistħarreġ fl-appell [24].

22 — Ara l-punt 55 tas-sentenza appellata.

23 — Għandu jiġi osservat li, fil-punt 91 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Prim'Istanza tirreferi għall-assimilazzjoni tal-varjetà ta' referenza għall-varjetà tal-ispeċi *Plectranthus ornatus* tal-Afrika ta' Isfel.

24 — Ara, f'dan is-sens, *inter alia*, is-sentenzi magħquda tal-25 ta' Jannar 2007, Sumitomo Metal Industries u Nippon Steel vs Il-Kummissjoni, (C-403/04 P u C-405/04 P, Ġabra p. I-729, punt 77 u l-ġurisprudenza ċċitata).

66. Madankollu, ma jirriżultax mill-punti tas-sentenza appellata li jirreferi għalihom R. Schräder li l-Qorti tal-Prim'Istanza ma ħaditx inkunsiderazzjoni, b'mod xieraq, id-distinzjoni bejn il-kunċetti ta' "varjetà" u "speċi". Pjuttost, fil-punt 80 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li l-*Plectranthus ornatus* hija speċi b'diversi varjetajiet u, fil-punt 91 tas-sentenza appellata, il-Qorti tal-Ġustizzja rreferiet għal "varjetà tal-Afrika ta' Isfel tal-ispeċi Plectranthus ornatus".

67. Barra dan, safejn R. Schräder jikkontendi li l-Qorti tal-Prim'Istanza implikat b'mod żbaljat, fil-punt 91 tas-sentenza appellata li Dr Codd iddeskriva varjetà ta' *Plectranthus ornatus* fil-pubblikazzjonijiet tiegħu minflok l-ispeċi korrispondenti, għandu jiġi osservat li m'hemm, fi kwalunkwe każ, l-ebda kontradizzjoni assoluta f'dan il-kuntest peress li kwalunkwe speċi — min-natura stess tal-kunċett innifsu — teżisti biss fil-varjetajiet differenti tagħha u li, għal din ir-raġuni, deskrizzjoni dettaljata tal-ispeċi ta' pjanta ma tistax tiġi faċilment separata mill-varjetajiet li din tinkludi.

68. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, ma jidhirlix li l-Qorti tal-Prim'Istanza fehmet ħażin id-distinzjoni bejn il-kunċetti ta' "varjetà" u "speċi" b'tali mod li r-raġunament tagħha hu kontradittorju jew ivvizzjat b'konklużjonijiet żbaljati.

69. Fl-aħħar nett, sa fejn it-tielet ilment, ibbażat fuq estensjoni tas-suġġett tal-proċeduri, jidher li hu bbażat fuq qari wkoll limitat tal-punt 91 tas-sentenza appellata, dan għandu wkoll jiġi miċħud bħala infondat.

70. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, is-sitt parti tal-ewwel aggravju għandha tiġi miċħuda.

71. Isegwi minn dak kollu li ntqal iktar 'il fuq li l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud għal kollox.

2. It-tieni aggravju

a) L-ewwel, it-tieni u t-tielet partijiet tat-tieni aggravju, fejn jiġi allegat li, safejn jikkonferma li setgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni pubblikazzjonijiet biex jiġi stabbilit li varjetà ta' referenza kienet ġeneralment magħrufa, is-sentenza appellata hi vvizzjata minn kontradizzjonijiet manifesti, minn żbalji relatati mal-ġbir tal-provi u minn ksur tad-dritt Komunitarju.

i) L-argumenti prinċipali

72. L-ewwel parti tat-tieni aggravju tirreferi għall-punti 96 sa 100 tas-sentenza appellata u tikkonċerna, għal darb"oħra, id-distinzjoni bejn speċi u varjetà botanika. Skont R. Schräder, peress li l-Qorti tal-Prim'Istanza naqset milli tirrikonoxxi li l-pubblikazzjonijiet xjentifiċi kien fihom deskrizzjonijiet ta' speċi botaniċi, mhux ta' varjetajiet, il-motivazzjoni tagħha hija mill-ġdid kontradittorja b'mod manifest. F'dan ir-rigward, hu jissottometti li l-punti 80 u 96 tas-sentenza appellata juru li l-Qorti tal-Prim'Istanza tikkunsidra li l-*Plectranthus ornatus* hija speċi li tinkludi varjetajiet differenti u, konsegwentement, id-deskrizzjonijiet li jinsabu fil-pubblikazzjonijiet inkwistjoni huma deskrizzjonijiet ta' speċi botanika, filwaqt li d-dokument tal-UPOV TG/1/3, iċċitat mill-Qorti tal-Prim"Istanza, jirreferi biss għal deskrizzjonijiet dettaljati ta' "varjetà" ta' pjanta. Barra dan, il-konstatazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-punt 80 tas-sentenza appellata mhumiex konsistenti mal-iskop tal-istħarriġ tagħha kif imfisser fil-punt 66 ta' din is-sentenza.

73. Bit-tieni parti tat-tieni aggravju, R. Schräder isostni li — kif jirriżulta wkoll mill-ewwel parti ta' dan l-aggravju — il-ġbir tal-provi mis-CPVO, il-Bord tal-Appell u l-Qorti tal-Prim'Istanza kienu manifestament mhux kompluti, peress li ma sar ebda paragun bejn il-karatteristiċi tal-pjanta deskritti fil-pubblikazzjonijiet meħuda inkunsiderazzjoni u l-karatteristiċi tal-varjetà li saret applikazzjoni għaliha.

74. Bit-tielet parti tat-tieni aggravju, R. Schräder jafferma li, kuntrarju għal dak li ġie ddikjarat mill-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punti 97 sa 99 tas-sentenza appellata, skont id-dritt Komunitarju, pubblikazzjoni ta' deskrizzjoni dettaljata ta' varjetà ta' pjanta ma tistax, bħala regola, tittieħed inkunsiderazzjoni biex jiġi stabbilit jekk varjetà ta' referenza hijiex ġeneralment magħrufa. Insostenn ta' din l-affermazzjoni, R. Schräder jirreferi għall-Konvenzjonijiet UPOV tal-1978 u 1991, il-liġi Ġermaniża u l-liġi dwar il-privattivi.

ii) Evalwazzjoni

75. Bħas-sitt parti tal-ewwel aggravju, l-ewwel, it-tieni u t-tielet partijiet tat-tieni aggravju

jfittxu li jikkontestaw il-konstatazzjonijiet li abbażi tagħhom il-Qorti tal-Prim'Istanza kkonfermat li l-Bord tal-Appell kellu dritt jikkonstata li l-varjetà ta' referenza kienet ġeneralment magħrufa.

77. Fir-rigward tat-tieni parti tat-tieni aggravju, wieħed għandu jiftakar, l-ewwel nett, li, fil-kuntest tal-appell preżenti, ma hijiex il-legalità tal-proċeduri, jew b'mod partikolari l-legalità tal-ġbir tal-provi, quddiem is-CPVO u l-Bord tal-Appell li għandha tiġi eżaminata iżda pjuttost il-legalità tal-proċeduri quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza.

76. Safejn l-ewwel parti tat-tieni aggravju tikkoinċidi mas-sitt parti tal-ewwel aggravju, jiena nirreferi għall-osservazzjonijiet tiegħi iktar 'il fuq [25]. Fir-rigward, b'mod iktar partikolari, tal-punt 98 tas-sentenza appellata, fih qed jiġi ddikjarat sempliċement li, skont id-dokument UPOV TG/1/3, il-pubblikazzjoni ta' deskrizzjoni dettaljata hi, *inter alia*, wieħed mill-aspetti li għandhom jiġu kkunsidrati sabiex jiġi stabbilit fatt li jkun jafu kulħadd. Din id-dikjarazzjoni saret biex tiġi sostnuta l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 2100/94, fil-punt 99 tas-sentenza appellata, li jipprovdi li l-pubblikazzjoni ta' deskrizzjoni dettaljata tista' tittieħed inkunsiderazzjoni taħt din id-dispożizzjoni. Anki jekk, kif il-Qorti tal-Ġustizzja nnifisha osservat fil-punt 97 tas-sentenza appellata, it-termini tar-regoli tal-UPOV infushom jirreferu għall-pubblikazzjoni ta' deskrizzjoni dettaljata ta' "varjetà" ta' pjanta, din iċ-ċirkostanza minnha nnifisha ma hijiex suffiċjenti biex jiġi stabbilit li s-sentenza appellata, meta aċċettat li d-deskrizzjonijiet dettaljati inklużi fix-xogħlijiet inkwistjoni setgħu jittieħdu inkunsiderazzjoni mill-Bord tal-Appell, hi vvizzjata b'kontradizzjoni manifesta.

78. It-tieni nett, fil-parti tas-sentenza li kontra tagħha huma diretti l-ilmenti preżenti, il-Qorti tal-Prim'Istanza sempliċement iddeterminat jekk il-Bord tal-Appell kienx intitolat jieħu inkunsiderazzjoni l-pubblikazzjonijiet xjentifiċi inkwistjoni biex jiġi stabbilit jekk il-varjetà ta' referenza kinitx ġeneralment magħrufa. Għalhekk ma jistax jiġi sostnut b'suċċess li l-ġbir tal-provi mill-Qorti tal-Prim'Istanza kien manifestament mhux komplut għar-raġunijiet li ma sar ebda paragun bejn il-karatteristiċi tal-pjanta deskritti f'dawn il-pubblikazzjonijiet u l-karatteristiċi tal-varjetà li saret applikazzjoni għaliha.

79. Fir-rigward tat-tielet parti tat-tieni aggravju, għandu jiġi enfasizzat, kif ġie ddikjarat b'mod korrett mill-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 99 tas-sentenza appellata, li l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 2100/94 isemmi ċerti każijiet li fihom "b'mod partikolari", l-eżistenza ta' varjetà oħra għandha titqies bħala ġeneralment magħrufa, iżda li din id-dispożizzjoni la tinkludi lista

25 — Ara l-punti 66 u 67 ta' dawn il-konklużjonijiet.

eżawrjenti ta' fatturi li jistgħu jiġi kkunsidrati f'dan il-qasam u lanqas xi regola oħra li tillimita l-ġbir ta' provi.

80. Barra dan, il-fatt li l-Artikolu 7 tal-verżjoni tal-1991 tal-Konvenzjoni UPOV, li invoka R. Schräder fil-kuntest ta' din il-parti tal-aggravju, ma jsemmix espressament — b'kuntrast mal-verżjoni tal-1978 ta' din il-konvenzjoni — deskrizzjoni dettaljata f'pubblikazzjoni bħala fattur li jista' jittieħed inkunsiderazzjoni ma jwassalx biex juri li ma huwiex ammissibbli, taħt din il-konvenzjoni u, konsegwentement, taħt l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 2100/94, li tigi użata prova bħal din. Bl-istess mod, il-paraguni li saru mal-liġi Ġermaniża u l-liġi tal-privattivi ma jippremettux li jiġu dedotti konklużjonijiet fir-rigward tal-interpretazzjoni ta' dan ir-regolament.

81. Fil-fatt, ma jidhirlix li hemm raġunijiet imperattivi li jiġġustifikaw li tiġi eskluża, b'mod ġenerali, il-possibbiltà li jittieħdu inkunsiderazzjoni, għall-finijiet tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 2100/94, pubblikazzjonijiet xjentifiċi. Sa fejn pubblikazzjoni partikolari tistabbilixxi, jew tikkontribwixxi biex jiġi stabbilit, li varjetà ta' referenza partikolari hija ġeneralment magħrufa hija kwistjoni differenti għal kollox, li għandha tiġi evalwata fiċ-ċirkustanzi ta' kull każ u, b'mod partikolari, fid-dawl tal-kontenut speċifiku tal-pubblikazzjoni kkonċernata.

82. Għalhekk, il-Qorti tal-Prim'Istanza għandha, fil-fehma tiegħi, tikkonkludi, mingħajr ma tikkommetti żball ta' liġi, li l-Bord tal-Appell kellu dritt jieħu inkunsiderazzjoni d-deskrizzjonijiet dettaljati inklużi fix-xogħlijiet inkwistjoni biex jiġi stabbilit jekk il-varjetà ta' referenza kinitx ġeneralment magħrufa.

83. Fl-aħħarnett, għandu jiġi osservat li dawn il-pubblikazzjonijiet kienu fi kwalunkwe każ wieħed minn diversi fatturi li l-Bord tal-Appell ikkunsidra biex jiġi stabbilit jekk il-varjetà ta' referenza van Jaarsveld kinitx ġeneralment magħrufa.

84. Għaldaqastant l-ewwel, it-tieni u t-tielet partijiet tat-tieni aggravju għandhom jiġu miċħuda.

b) Ir-raba' parti tat-tieni aggravju, fejn hu allegat li l-Qorti tal-Prim'Istanza wettqet żball fir-rigward tal-argumenti ta' R. Schräder rigward ksur tal-Artikolu 62 tar-Regolament Nru 2100/94

i) L-argumenti prinċipali

85. Bir-raba' parti tat-tieni aggravju tiegħu, R. Schräder jikkontendi li l-Qorti tal-Prim'Istanza kienet żbaljata meta kkonstatat, fil-punt 104 tas-sentenza appellata, li t-teżi tiegħu, deskritta fil-punt 103 ta' din is-sentenza, li l-varjetà SUMCOL 01 kellha tkun irrikonoxxuta mis-CPVO bħala distinta b'mod ċar kienet tikkontradixxi b'mod ċar it-teżi mressqa minnu li l-varjetà SUMCOL 01 u l-varjetà ta' referenza van Jaarsveld kienu l-istess varjetà waħda. L-allegata kontradizzjoni ma teżistix peress, li — kif isostni — il-pjanti li ntbagħtu minn E. van Jaarsveld kienu jappartjenu għall-varjetà SUMCOL 01 u ma kien hemm l-ebda "varjetà ta' referenza" li minnha s-SUMCOL 01 ma kinitx distinta b'mod ċar.

ii) Evalwazzjoni

86. Fl-ewwel lok, jien nixtieq nirrileva li fil-kuntest tat-tielet parti tal-ewwel motiv imressaq quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza, R. Schräder kien argumenta, kif osservat din il-qorti fil-punt 103 tas-sentenza appellata, li s-CPVO jmissu kkonstata li l-varjetà SUMCOL 01 kienet distinta b'mod ċar. Peress li R. Schräder ipprova juri taħt l-ewwel parti ta' dan il-motiv, li l-varjetà li saret applikazzjoni għaliha u l-varjetà li nbagħtet minn E. van Jaarsveld attwalment kienu l-istess, il-Qorti tal-Prim'Istanza setgħet, mingħajr ma tikkommetti żball ta' liġi f'dan ir-rigward, tiddikjara fil-punt 104, li dawk it-teżijiet kienu f'kontradizzjoni evidenti.

87. Fit-tieni lok, il-fatt li l-argumenti ta' R. Schräder fil-kuntest tat-tielet parti tal-ewwel motiv kienu bbażati fuq premessa żbaljata, kien fil-fehma tal-Qorti tal-Prim'Istanza, kif inhu evidenti mill-punt 105 tas-sentenza appellata, jirriżulta diġà, fi kwalunkwe każ, mill-eżami tal-ewwel żewġ partijiet tal-ewwel motiv.

88. Għaldaqstant, l-ilment li l-Qorti tal-Prim'Istanza kkonstatat b'mod żbaljat li t-teżijiet imressqa minn R. Schräder kienu kontradittorji - anki jekk wieħed jassumi li kienu fondati sew — ma jistax ikun effettiv u jaffettwa l-validità tas-sentenza.

89. Ir-raba' parti tat-tieni aggravju konsegwentement għandha tinċaħad.

c) Il-ħames parti tat-tieni aggravju, fejn huma allegati żbalji ta' liġi fl-evalwazzjoni tal-parteċipazzjoni ta' Heine fis-seduta quddiem il-Bord tal-Appell

i) Argumenti prinċipali

90. B'din il-parti tat-tieni aggravju, R. Schräder isostni li fl-evalwazzjoni, fil-punti 129 sa 131 tas-sentenza appellata, il-parteċipazzjoni ta' Heine waqt is-smigħ quddiem il-Bord tal-Appell, il-Qorti tal-Prim'Istanza kisret l-Artikolu 60(1) u l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 1239/95. L-ewwel nett, il-Qorti tal-Prim'Istanza injorat il-fatt li, skont l-Artikolu 60(1) tar-Regolament Nru 1239/95, l-adozzjoni ta' miżura istruttorja hija meħtieġa wkoll fir-rigward tal-parteċipazzjoni ta' parti waqt smigħ. Għalhekk, anki jekk Heine dehret fil-kapaċità tagħha ta' "aġent" tas-CPVO u mhux bħala xhud jew espert, din kellha tiġi formalment imħarrka għas-smigħ. It-tieni nett, kien żbaljat li jiġi ddikjarat li Heine kienet "aġent" [26] tas-CPVO peress li f'dak iż-żmien kienet impjegata tal-Bundessortenamt. It-tielet nett, la s-CPVO u lanqas il-Bord tal-Appell ma ssostanzjaw l-asserzjoni tagħhom li Heine setgħet, fid-dawl tal-obbligi tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 1239/95, taġixxi b'mod validu f'isem is-CPVO.

ii) Evalwazzjoni

91. Għandu jkun ċar, l-ewwel nett, li, fir-rigward tal-ilment imressaq minn R Schräder li, għall-kuntrarju ta' dak li ġie ddikjarat mill-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punt 130 tas-sentenza appellata, Heine kienet impjegata tal-Bundessortenamt u mhux tas-CPVO, jidher li din il-kritika hi bbażata fuq ineżattezza fil-verżjoni Ġermaniża tas-sentenza appellata. Madankollu, jirriżulta kemm mill-verżjoni Franċiża u dik Inġliża ta' din is-sentenza u mill-kuntest tas-silta kkonċernata li l-Qorti tal-Prim'Istanza fir-realtà tistqarr li Heine dehret fil-kapaċità tagħha ta' "aġent" tas-CPVO, u għalhekk bħala rappreżentanta tiegħu.

92. It-tieni nett, peress li Heine aġixxiet waqt is-seduta bħala aġent f'isem is-CPVO, li konformi mal-Artikolu 68 tar-Regolament

26 — Il-verżjoni Ġermaniża tas-sentenza appellata tuża t-terminu "Bedienstete", li għandu jiġi tradott bħala "impjegat tas-(settur pubbliku)".

Nru 2100/94, kien parti hu stess fil-proċeduri tal-appell, u għaldaqstant mhux f'isimha proprju, u lanqas bħala xhud jew espert, il-Qorti tal-Prim'Istanza ma kisritx l-Artikolu 60(1) tar-Regolament Nru 1239/95 meta kkonfermat, fil-punt 130 tas-sentenza appellata, li l-preżenza tagħha waqt is-seduta ma kinitx teħtieġ l-adozzjoni ta' miżura istruttorja fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

95. Isegwi li l-ħames parti tat-tieni aggravju hi infondata.

96. Fil-fehma tiegħi, għalhekk għandu jiġi konkluż li t-tieni aggarvju għandu wkoll jiġi miċħud kompletament.

93. It-tielet nett, f'dan il-kuntest, il-Qorti tal-Prim'Istanza osservat li s-CPVO kellu dritt jirrileva, skont l-Artikolu 15(2) tar-Regolament, l-atti mwettqa minn Heine b'mod konformi mat-termini tal-ftehim bejn is-CPVO u l-Bundessortenamt rigward l-eżami tekniku huma atti tas-CPVO li jistgħu jiġu invokati kontra terzi.

97. Abbażi tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, jien nikkunsidra li l-appell għandu jiġi miċħud kompletament.

VII — L-ispejjeż

94. R. Schräder ma pprovdiex provi insostenn tal-affermazzjoni tiegħu li l-Qorti tal-Prim'Istanza kkommettiet żball ta' liġi meta għamlet din il-konstatazzjoni jew meta applikat l-Artikolu 15(2) tar-Regolament Nru 1239/95, u sostna biss li la s-CPVO u lanqas il-Bord tal-Appell ma pprovaw li r-rekwiżiti ta' rappreżentanza legali tas-CPVO minn Heine kienu ġew sodisfatti.

98. Skont l-Artikolu 69(2) tar-Regoli tal-Proċedura, li japplika għall-proċeduri tal-appell taħt l-Artikolu 118 ta' dawn ir-regoli, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż jekk dawn ikunu ntalbu. Peress li R. Schräder tilef il-kawża, huwa għandu jiġi kkundannat għall-ispejjeż kif mitluba mis-CPVO.

VIII — Konklużjoni

99. Għar-raġunijiet stipulati hawn fuq, jien nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha:

— tiċħad l-appell;

— tikkundanna lil R. Schräder għall-ispejjeż.